**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Nicholas Calleja**

Numru: 207/2018

Illum 12 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicholas Calleja,** iben Angelo u Mary Anne Buttigieg, imwieled nhar is-16 ta' Frar 1945 u residenti gewwa l-fond 'Nicholas', Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21145(G), akkuzat talli nhar l-24.03.2018 ghall-habta tas-07:00a.m. fl-inhawi Ta' Cenc limiti ta' Sannat, Ghawdex:

1. Akkużat talli ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tingħata taħtha bi ksur tar-Reg 4(1)(a) ta' LS 549.42;

2. Akkużat talli waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar ħa jew prova jieħu xi għasfur bi ksur ta' Reg 18(1)(ċ) ta' LS 549.42;

3. Akkużat talli ma żarmax u ma neħħiex l-imnasab, inkluz xbieki u lasti minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa tal-2017 bi ksur ta' Kundizzjoni 8 tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib għall-għasafar tal-għana fil-Ħarifa tal-2017 hekk kif mitlub min Regolament 7(h) ta' LS 549.93;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27 tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perijodu applikabli;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk qed taghlaq il-provi taghha;

Illi l-Qorti giet infurmata li l-mansab ma kienx jintuza;

Semghet lill-imputat Nicholas Calleja jixhed minn jeddu u b'mod volontarju li ddikjara li l-mansab ma kienx jintuza u kien ilu ma jintuza minn Ottubru u ma nehhiehx minhabba ragunijiet ta' sahha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Nicholas Calleja hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

__________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**